**ST JEANNE ANTIDE FOUNDATION**
51 Tarxien Road, Tarxien TXN 1090
email: macen.sjaf@gmail.com
Tel. 21808981; 21809011; 27672367
www.antidemalta.com
*Registration number*: VO/0005

# Proġett Ġamra

*appoġġ psiko-soċjali u edukattiv fil-Fgura b'risq familji li qed iġarrbu diffikultajiet diversi*

Il-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida, għaqda volontarja mibdija mill-Provinċja tas-Sorijiet tal-Karità f'Malta flimkien ma' lajċi, qed taħdem flimkien mal-parroċċa tal-Fgura sabiex titwettaq ħidma b'risq individwi u familji li qed jaffaċċjaw sfidi u diffikultajiet kbar f'ħajjithom.

Il-Fondazzjoni id f'id mal-Parroċċa tal-Fgura ser joffru diversi servizzi fil-komunità fosthom:

**SERVIZZ TA' SOCIAL WORK U COUNSELLING** li jingħata minn professjonisti li, b'kunfidenzjalità kbira, jisimgħuk u jgħinuk tifhem ahjar lilek innifsek u lil ta' madwarek, ittejjeb il-komunikazzjoni fil-familja, u tindirizza dawk l-affarijiet li jkunu qed jinkwetawk u jdejquk f'ħajtek. Żjajjar fid-djar ta' dak li jkun huma possibbli kif ukoll jingħataw appuntamenti f'uffiċċju fil-binja tal-knisja parrokkjali.

**KONSULTAZZJONIJIET INDIVIDWALI JEW BĦALA FAMILJA** ma' professjonista b'esperjenza vasta fil-qasam tas-saħħa mentali. Il-membri tal-familja jistgħu jiddiskutu in-natura tal-marda mentali li jiffaċċja l-membru tal-familja b'mard mentali, is-sintomi, l-effetti tal-medikazzjoni u x'jista' jsir, kif wieħed jista' jirrelata mal-membru tal-familja li hu jew hi marida mingħajr ma jgħarraq is-sitwazzjoni, u l-mezzi li wieħed jista' juża' biex jieħu ħsieb tiegħu nnifsu bla ma jikkrolla.

**GRUPPI TA' APPOĠĠ** għall-qraba li jieħdu ħsieb lil xi membru tal-familja li jsofri minn mard mentali jew għall-persuni li għandhom lil xi ħadd fil-familja li jsofri minn mard mentali.

**APPOĠĠ FIT-TAGĦLIM GĦAL TFAL U ADULTI:** Korsijiet li jippromwovu titjieb f'ħajjitna bħal tqassim xieraq tal-flus, kif ngħollu l-istima tagħna infusna u anka għajnuna edukattiva lit-tfal ta' familji vulnerabbli fil-komunità stess.

**VOLONTARJAT** mal-parruċċani tal-Fgura li jkollhom xi diffikultajiet partikolari. Nilqgħu persuni li jixtiequ jwettqu ħidma volontarja. Ikkuntattjawna.

**GRUPP KANT:** miftuħ għal kull min iħossu mdejjaq sabiex ikollu spazju għal attività li tferraħ.

Kull servizz provdut jirrispetta l-**kunfidenzjalità** ta' dak li jkun.

## Il-Proġett Ġamra huwa ffinanzjat mill-Voices Foundation

Jekk tixtieq tagħmel appuntament tista tagħmel dan billi iċċempel fuq; **21808981** jew **27672367** u tistaqsi għal Kimberley Vella jew tistaqsi lil Kappillan jew lil xi membru tad-Djakonija.